kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Media Release

10th April 2010

**Kunsill Malti għall-iSport**
Cottonera Sports Complex
Cospicua
Tel. 21660647
www.sportmalta.org.mt
email: communications@sportmalta.org.mt
Contact Person: Susan Ronald, Marketing & Communications, Kunsill Malti għall-iSport

---

## Festival ta' Sport Ekwestriju organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport nhar il-25 t'April.

Nhar il-Ħadd 25 ta' April il-Korsa taż-Żwiemel fil-Marsa mistennija li tospita għall-ewwel darba festival ta' sport Ekwestriju li se jkun organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport bil-kollaborazzjoni tal-Malta Racing Club, il-Malta Equestrian Federation kif ukoll il-Malta Polo Club.

Dettalji dwar din l-attività ingħataw waqt konferenza tal-aħbarijiet is-Sibt fil-għodu inidirizzata mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Pippo Psaila Koordinatur tal-Attività kif ukoll Presidenti tal-assoċjazzjonijiet parteċipanti .

Clyde Puli qal li l-għan ta' din l-attività se jkun dak li jgħaqqad l-isport ekwestriju f'festival fejn id-dilettanti ta' dan l-isport se jkunu jistgħu igawdu ftit minn kollox f'post wieħed. B'kollox se jkun hawn sitt tipi differenti ta' dan l-isport li huma l-Galopp, Trott, Ponijiet, Dressage, Show Jumping u Polo.

Is-Segretarju Parlamentari semma kif l-għan ta' din l-attività se jkun dak li tgawdi l-familja kollha b'attivitajiet li jvarjaw minn attivitajiet għat-tfal sa kompetizzjonijiet.

Hu semma wkoll kif il-pjanijiet tal-Gvern huma li l-Kumpless Sportiv tal-Marsa jilqa' fih aktar sport fosthom l-isport ekwestriju kollu. Għaldaqstant semma kif il-masterplan għal dan il-kumpless jinkludi wkoll faċilitajiet li jaħsbu għall-isport ekwestriju.

Min-naħa tiegħi ic-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Bernard Vassallo qal li hu ta' sodisfazzjon għall-Kunsill Malti għall-iSport li se jkun qed

jorganizza din l-attività. Fil-waqt li ħabbar li waqt din l-attività se tkun qed issir ġabra speċjali għall-Puttinu Cares.

Pippo Psaila, il-koordinatur ta' dan il-festival spjega kif din hija l-ewwel attività tax-xorta tagħha li jista' jiftakar fejn l-isport ekwestriju kollu f'salt se jingħaqad f'attività waħdha. Hu spjega kif l-isport ekwestriju jikkonsisti f'żewġ tipi differenti ta' atleti li huma iż-żiemel u l-ġerrej.

Tkellmu wkoll il-Presidenti tal-Assoċjazzjonijiet li bis-saħħa tagħhom se tkun qed issir din l-attività li fissru kif dan il-festival se jiswa ta' promozzjoni qawwija għal dan l-isport fil-waqt li rringrazzjaw lill-Kunsill Malti għall-iSport għal din l-inizjattiva.

END